

Brussell, 11 ta' Ġunju 2025
(OR. es)

9257/25
ADD 4

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0408 (COD)

JUSTCIV 101
ECOFIN 585
COMPET 405
JAI 652
CODEC 656

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tarmonizza ċerti aspetti tal-liġi dwar l-insolvenza - Approċċ ġenerali - Dikjarazzjoni minn Spanja

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness dikjarazzjoni minn Spanja għall-minuti tal-Kunsill.

Id-Direttiva dwar l-Insolvenza

Spanja tqis li l-progress fil-qafas legali tal-insolvenza huwa importanti biex il-kumpaniji tagħna jsiru aktar kompetittivi. Madankollu, jiddispjaċina li t-test jintroduċi mill-ġdid il-kunċett legali tal-kumitat tal-kredituri, li kien tħassar żmien ilu minħabba l-ineffċjenza u l-ispejjeż għoljin tiegħu. Aħna, bħal Stati Membri oħra, għandna mekkaniżmi oħra ta' protezzjoni tal-kredituri li huma aktar effiċjenti u li għandhom prestazzjoni tajba ferm.

It-test tat-Titolu IV tal-mekkaniżmu tal-pre-pack mhuwiex ambizzjuż biżżejjed; missna għamilna aktar fir-rigward tal-mekkaniżmi għall-protezzjoni kontra l-abbużi mwettqa fil-frodi tal-kredituri. Hija meħtieġa wkoll aktar ambizzjoni fil-mekkaniżmi li jippermettu l-kontinwità fl-attività tal-unità produttiva, sabiex in-nisġa tan-negozju tibqa' operazzjonali.
